

Brussell, 7 ta' Novembru 2025
(OR. en)

13505/25

CDR 73

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru supplenti, propost mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni - Adozzjoni

1. Permezz ta' ittra datata d-29 ta' Settembru 2025¹, is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bir-riżenja tas-Sa Alske Rebekka FRETTER, membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.
2. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi, jaħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

¹ 13359/25.

3. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sa Alske Rebekka FRETER, il-Gvern Ġermaniż ippropona² lis-Sa Jennifer JASBERG, rappreżentanta ta' korp reġjonali li għandha mandat elettoral ta' awtorità reġjonali, *Mitglied der Hamburgischen Bürgerschaft* (membru tal-Parlament tal-Istat ta' Hamburg), bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030.
4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni, kif jinsab fid-dokument 13503/25, u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" flaqgħa li jmiss.

² 13163/25.